L-użu ta’ maskri tal-wiċċ fil-pubbliku jista’ jnaqqas it-tixrid ta’ infezzjoni fil-komunità billi jkun minimizzat ir-rilaxx ta’ qtar respiratorju minn nies infettati.

#COVID19

ecdc.europa.eu

Maskra tal-wiċċ medika (magħrufa wkoll bħala maskra kirurġika jew ta’ proċedura) toħloq barriera bejn il-persunal tal-isptar u l-pazjenti billi tgħatti l-ħalq, l-imnieħer u l-geddum. Din tintuża minn ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex tipprevjeni li qtar respiratorju kbir u titjir jilħqu il-ħalq u l-imnieħer ta’ min jilbisha. Tnaqqas u/jew tikkontrolla wkoll il-firxa ta’ qtar respiratorju kbir mill-persuna li tilbisha.

Maskri tal-wiċċ mhux mediċi (jew maskri “komunitarji”) jinkludu diversi forom ta’ maskri u koperturi tal-wiċċ magħmula mill-individwu stess jew kummerċjali li jkunu magħmula mid-drapp, tessili oħra jew materjali oħra (eż. mill-karta). Dawn mhumiex standardizzati u lanqas mhuma maħsuba għall-użu f’ambjenti tal-kura tas-saħħa jew minn professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Respiratur jew oġġett tal-wiċċ ta’ ffiltrar huwa mfassal biex jipproteġi lil min jilbsu minn esponiment għal kontaminanti fl-arja u huwa kklassifikat bħala tagħmir personali protettiv. Oġġetti tal-wiċċ ta’ ffiltrar jintużaw prinċipalment mill-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, speċjalment matul proċeduri li jiġġeneraw l-aerosol. Respiraturi bil-valv mhumiex adatti għall-użu bħala mezz ta’ kontroll ta’ infezzjoni, peress li dawn ma jipprevjenux ir-rilaxx ta’ partikuli respiratorji fl-ambjent minn min jilbishom.

#COVID19

ecdc.europa.eu

L-użu ta’ maskri tal-wiċċ mediċi mill-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa għandu jingħata prijorità fuq l-użu tagħhom fil-komunità..

#COVID19

ecdc.europa.eu

L-użu ta’ maskri tal-wiċċ fil-komunità jista’ jitqies għal waqt żjarat fi spazji magħluqa u miżgħuda bin-nies bħall-ħwienet tax-xiri tal-merċa, iċ-ċentri tax-xiri, jew meta jintuża t-trasport pubbliku eċċ.

Il-maskri tal-wiċċ għandhom jitqiesu biss bħala miżura komplementari u mhux sostituzzjoni ta’ prattiki preventivi stabbiliti, bħad-distanza fiżika, l-etikett ta’ kif tisgħol u tagħtas, l-iġjene tal-idejn u li tevita li tmiss il-wiċċ.

#COVID19

ecdc.europa.eu

Tinsiex! L-użu xieraq tal-maskri tal-wiċċ huwa essenzjali biex ikunu effikaċi u sikuri.

Kun żgur li l-maskra tal-wiċċ tgħattilek wiċċek kompletament mill-imnieħer sal-geddum.

Aħsel idejk bis-sapun u l-ilma jew b’sanitizzatur tal-idejn ibbażat fuq l-alkoħol qabel ma tilbes jew tneħħi l-maskra tal-wiċċ.

Meta teħħi l-maskra tal-wiċċ tiegħek, neħħiha minn wara - kun ċert li ma tmisshiex minn quddiem.

Jekk il-maskra tal-wiċċ tiegħek hi waħda li tintrema’ wara l-użu, armiha b’mod sikur.

Jekk il-maskra tiegħek tista’ terġa’ tintuża, aħsilha minnufih wara kull użu b’deterġent komuni f’temperatura ta’ 60 °C.

Kampanji li juru l-użu adatt tal-maskri tal-wiċċ mill-pubbliku jistgħu jtejbu l-użu effettiv u sikur tagħhom.

#COVID19

ecdc.europa.eu